**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 57/20 CZ**

**Andrew Vassallo General Trading Limited (C-45790)**

**vs.**

**S.I.T. Swimpool Innovation Technologies Ltd (C-70874)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Frar 2020, li biha premettiet:

Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma ta' erbat'elef, tmin mija u tnejn u sebghin Euro u sbatax –il centezmu (€4,872.17) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' materjal mibjugh u/jew xoghlijiet ezegwiti favur ir-socjeta' intimata.

Illi minkejja s-socjeta' intimata giet debitament interpellata sabiex thallas, hija baqghet ma hallset xejn.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallasha s-somma ta' erbat'elef, tmin mija u tnejn u sebghin Euro u sbatax –il centezmu (€4,872.17) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' materjal mibjugh u/jew xoghlijiet esegwiti favur is-socjeta' intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Ra illi s-socjeta' konvenuta ma prezentatx risposta.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' Maria Vassallo ghan-nom tas-socjeta' attrici.

Ra illi fis-seduta tal-lum is-socjeta' attrici iddikjarat li ma kellhiex aktar provi u talbet sabiex it-Tribunal jaghti sentenza.  Ra wkoll illi t-Tribunal laqa' t-talba.

Ra illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal bilanc ta' prezz ta' *decking* fornit lis-socjeta' konvenuta, u li din tal-ahhar baqghet ma hallsitx. Maria Vassallo ghas-socjeta' attrici xehdet[1] illi l-ammont mitlub f'din il-kawza ghadu dovut fl-intier tieghu, u li kienu cemplu diversi drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex jithallsu, izda l-hlas baqa' ma sarx.

Illi in sostenn ta' dan is-socjeta' attrici prezentat rendikont tal-materjal li ttiehed mis-socjeta' konvenuta, li kien anness mat-talba promotrici. Mill-provi prodotti, ix-xiehda li nghatat ma gietx kontradetta, u t-Tribunal jirrizultalu illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa tabilhaqq dovut lilha.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, tmin mija u tnejn u sebghin Euro u sbatax –il centezmu (€4,872.17) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susan Fenech B.A.
Deputat Registratur

[1] Seduta tat-23 ta' Settembru 2020 u 12 ta' Mejju 2021